

Brussell, 22 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14209/17

CULT 139
DIGIT 238

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	12980/17 CULT 114 DIGIT 204
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-udjenza - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Novembru 2017)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-udjenza, adottati mill-Kunsill fit-3577 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Novembru 2017.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura
permezz ta' mezzi diġitali
b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-udjenza**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA:

1. il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2014¹ li jistiednu lill-Presidenzi tal-Kunsill biex jieħdu kont tal-prijoritajiet tal-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għall-Kultura 2015-2018 fil-kuntest tat-Triju ta' Presidenzi; f'dan il-kuntest JINNOTA b'mod partikolari l-qasam ta' prijorità A tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 'Kultura aċċessibbli u inklużiva', inkluż is-suġġett dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali, u r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) dwar il-*Promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali: politiki u strateġiji għall-iżvilupp tal-udjenza* li jimmappja l-politiki, il-programmi u l-prattiki tajba eżistenti fl-UE u jagħti rakkomandazzjonijiet għal-livelli differenti ta' governanza, u l-istudju dwar *Audience Development. How to Place Audiences at the Centre of Cultural Organisations* (mhux disponibbli bil-Malti);
2. il-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020)² u b'mod partikolari l-oġettiv tiegħu li jappoġġa l-iżvilupp tal-udjenza bħala mezz li jtejjeb l-aċċess għall-wirt kulturali u xogħlijiet kulturali u kreattivi;
3. l-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali³ bl-għan li jinħolqu opportunitajiet ġodda diġitali madwar l-Ewropa, inkluż fil-qasam tal-kultura;

¹ Konklużjonijiet tal-25 ta' Novembru 2014 tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015-2018), (ĠU C 463, 23.12.2014, p. 4).

² Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020), (ĠU L 347, 20.12.2013).

³ COM (2015)/192 finali.

JISSOTTOLINJA LI:

4. teknoloġiji diġitali qegħdin b'mod rapidu u b'mod fundamentali jibdlu l-mod kif jinħoloq, jiġi aċċessat u jintuża l-kontenut kulturali. Id-distribuzzjoni m'għadhiex lineari peress li l-kontenut qed jiġi ċċirkolat dejjem aktar f'networks interkonnessi ta' individwi, udjenzi, komunitajiet u istituzzjonijiet kemm fis-settur pubbliku kif ukoll dak privat, li jiffurmaw il-katina tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kontenut. B'hekk qed jinbidlu l-imġiba u l-aspettattivi tal-udjenzi: dawn qed ifittxu aċċess akbar għal kontenut diġitali kif ukoll relazzjoni aktar parteċipatorja mal-fornituri tal-kontenut. B'reazzjoni għal dan, l-organizzazzjonijiet kulturali⁴, filwaqt li huma gwardjani, qed jieħdu dejjem aktar ir-rwol ta' faċilitaturi fl-aċċess għal kontenut kulturali;
5. ċerti udjenzi għandhom aċċess imnaqqas għal kontenut kulturali, pereżempju minħabba bżonnijiet speċjali, ostakli lingwistiċi, nuqqas ta' informazzjoni, ħiliet diġitali, ħin, riżorsi u interess, il-post ġeografiku jew l-ambjent soċjali. F'ħafna każijiet dawn l-ostakli jistgħu jingħelbu bl-użu ta' mezzi diġitali;
6. approċċ ta' żvilupp tal-udjenza⁵ jgħin lill-organizzazzjonijiet kulturali biex jilhqnu udjenzi ġodda, japprofondixxu r-relazzjoni ma' udjenzi eżistenti u għandu l-potenzjal li jsaħħaħ il-koeżjoni tal-komunitajiet;
7. l-era diġitali titlob li kemm l-organizzazzjonijiet kulturali kif ukoll l-udjenzi jiksbu ħiliet u għarfien ġodda;
8. il-ġestjoni ta' għodod, sistemi u flussi ta' xogħol diġitali titlob approċċ differenti minn organizzazzjonijiet kulturali li probabbilment jeħtieġ strutturi organizzazzjonali riveduti;

⁴ L-organizzazzjonijiet pubbliċi, privati u dawk mhux governattivi, irrispettivament mid-daqs tagħhom, li huma attivi fis-setturi kulturali kollha.

⁵ L-iżvilupp tal-udjenza huwa approċċ ippjanat u li jinvolvi l-organizzazzjoni kollha, li jestendi l-firxa u n-natura tar-relazzjonijiet mal-pubbliku billi jiffoka fuq il-ħtiġijiet tagħhom. Dan jgħin organizzazzjoni kulturali biex tilħaq l-għan soċjali, is-sostenibbiltà finanzjarja u l-ambizzjonijiet kreattivi tagħha. (Sors: Ir-rapport tal-grupp MMK - mhux disponibbli bil-Malti).

9. sabiex jinvolvu ruħhom ma' udjenzi b'mod sinifikattiv, jeħtieġ li l-organizzazzjonijiet kulturali jifhmu l-udjenzi tagħhom. In-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-profilu tal-udjenzi u kif l-udjenzi jaċċessaw il-kontenut kulturali bl-użu ta' mezzi diġitali għadha kwistjoni ta' tħassib. L-organizzazzjonijiet kulturali jvarjaw ħafna, iżda kollha jiffaċċaw sfidi simili fil-ġbir u l-ġestjoni ta' data kulturali, speċjalment f'termini ta' udjenzi diġitali;

JIRRIKONOXXI LI:

10. jekk tadatta għal ambjent diġitali li dejjem qed jinbidel, il-kultura għandha l-potenzjal li tkompli ssaħħaħ ir-rilevanza tagħha fis-soċjetà. It-teknoloġiji diġitali jipprovdu opportunità biex l-organizzazzjonijiet kulturali jiżviluppaw relazzjonijiet sinifikattivi u interattivi ma' udjenzi differenti, iżda fl-istess ħin dan joħloq sfidi f'termini ta' viżjoni strateġika, għarfien u ħiliet ġodda, in-nuqqas ta' data dwar l-udjenzi diġitali, tfassil mill-ġdid organizzazzjonali u l-mudelli finanzjarji. Organizzazzjonijiet kulturali jeħtieġ li jerġgħu jikkunsidraw kif jindirizzaw dawn l-isfidi biex jimmassimizzaw l-opportunitajiet li jinħolqu meta jitħaddan l-iżvilupp tal-udjenza diġitali;

JISTIEDEN, B'RISPETT XIERAQ GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

11. jikkunsidraw il-ħolqien ta' oqfsa u kondizzjonijiet ta' politika favorevoli li jgħinu lill-organizzazzjonijiet kulturali jipprioritizzaw l-iżvilupp tal-udjenza waqt li jkunu qed jadattaw għall-bidla diġitali li għaddejja bħalissa;
12. iħeġġu lill-organizzazzjonijiet kulturali biex iħaddnu l-iżvilupp tal-udjenza bħala parti integrali mill-funzjonament tagħhom;
13. jippromwovu approċċi innovattivi u inizjattivi parteċipattivi għall-iżvilupp tal-udjenza, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-finanzjament;
14. jirrikonoxxu l-importanza li tinġabar data dwar l-udjenzi diġitali u l-udjenzi potenzjali diġitali bħala għodda għat-tfassil tal-politika u biex l-organizzazzjonijiet kulturali jipprovdu servizzi aħjar;
15. jikkunsidraw it-tema tal-iżvilupp tal-udjenza permezz ta' mezzi diġitali meta jitfassal il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għall-Kultura;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX:

16. jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni u l-iskambju ta' tagħrif u l-aħjar prattiki bejn il-partijiet ikkonċernati differenti, diversi setturi u f'livelli differenti li jikkonċernaw approċċi diġitali innovattivi għall-iżvilupp tal-udjenza, inkluż bil-ħsieb li tiżdied l-effiċjenza u jitnaqqsu l-ispejjeż;
17. jikkompilaw linji gwida volontarji fl-UE kollha għall-ġbir u l-ġestjoni ta' data dwar l-udjenzi diġitali għall-forniment ta' servizzi aħjar u aktar faċli orjentati lejn l-utent minn organizzazzjonijiet kulturali u bħala kontribut għat-tfassil ta' politika abbażi tal-evidenza. Dawn il-linji gwida mhux vinkolanti għandhom jirrispettaw id-diversità tal-organizzazzjonijiet kulturali, is-setturi kulturali u t-tradizzjonijiet tal-Istati Membri. Il-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data għandha tkun prerekwiżit għal kwalunkwe attività ta' ġbir ta' data;
18. iqajmu kuxjenza fost l-organizzazzjonijiet kulturali dwar l-opportunitajiet relatati ma' mudelli ta' finanzjament innovattivi u alternattivi li jistgħu jkollhom impatt pożittiv fuq l-iżvilupp tal-udjenza fis-setturi kulturali u kreattivi;
19. iżidu l-kapaċità, il-ħiliet u l-għarfien tal-organizzazzjonijiet kulturali u l-udjenzi tagħhom biex jiffaċċaw sfidi diġitali ġodda;
20. jirrikonoxxu l-importanza li jieħdu kont tal-iżvilupp tal-udjenza u l-bidla diġitali meta jallokaw ir-riżorsi finanzjarji;
21. ikomplu jiffokaw fuq id-diġitalizzazzjoni tal-kontenut kulturali u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda għad-diġitalizzazzjoni bħala mezz biex jipprovdu offerta kulturali aktar diversa u jżidu l-użu mill-ġdid tal-kontenut diġitali li jikkontribwixxi għad-diversi setturi tas-soċjetà;
22. jippromwovu l-interoperabbiltà tal-kontenut u t-teknoloġija sabiex jinkoraġġixxu aċċess wiesa' kemm mill-organizzazzjonijiet kulturali kif ukoll mill-utenti tagħhom;

23. jirrikonoxxu l-ħtieġa li jirrispettaw id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati u jirrikonoxxu l-importanza tad-drittijiet tal-ħallieqa filwaqt li jimmiraw lejn l-aktar aċċess wiesa' possibbli għall-kontenut;
 24. jieħdu vantaġġ mis-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali tal-2018 biex jippromwovu l-aċċess pubbliku għar-riżorsi u s-servizzi tal-wirt diġitali, inkluż l-Europeana, u biex iżidu l-partekippazzjoni fil-governanza tal-wirt kulturali fi ħdan il-gruppi soċjali kollha, billi jagħmlu użu aħjar mill-mezzi diġitali.
-